# IL-MALTI: DJALETT JEW LINGWA? SEMITIKU JEW RUMANZ?

**IL-PROF. JOSEPH M. BRINCAT JGĦINNA NAGĦTU ĦARSA LEJN L-ORIĠINI INTERESSANTI TA' LSIENNA, MITKELLEM U MIKTUB, U NAQTGĦU L-KURŻITÀ FUQ KIF ŻVILUPPA L-MALTI**

Għal aktar minn seklu, iż-żewġ mistoqsijiet tat-titlu ħabblu ħafna mħuħ. Mhux ta' b'xejn. Il-lingwistika saret xjenza fil-bidu tas-seklu 19 fil-Ġermanja. Kien madwar l-1960 li saret suġġett fl-universitajiet, imma l-poplu baqa' jżomm xi ideat mill-Bibbja u l-kolti baqgħu jħaddnu xi ideat mill-filosofija.

L-istudju tal-parti teknika tal-lingwi żviluppa fi ħdan il-moviment storiku-komparattiv, li wessa' r-riċerki mil-lingwi l-kbar (il-Latin, il-Grieg, il-Franċiż, eċċ.) għad-djaletti, li ħafna minnhom kienu fuq il-fruntieri, u għalhekk dehru mħalltin, mela mhux ta' min jistudjahom. Madwar l-1860 l-ideat puristiċi tal-moviment Naturalistiku (l-elementi "tagħna" u "mhux tagħna"; l-idealizzazzjoni tal-forom antiki u r-rieda li l-lingwa tiġi "purifikata") waqgħu għax l-istorja kixfet li kull "lingwa" kienet darba "djalett". Il-ġeografija wriet li kull djalett hu mħallat għax fil-fruntieri (politiċi, artifiċjali) in-nies jitħalltu mal-ġirien: jixtru u jbigħu, jaħdmu u jiżżewġu. Kull ilsien jadotta kliem ġdid minn oġġetti ġodda, allura l-ikbar "taħlit" isir fil-lessiku. Mela d-dizzjunarju hu mera tal-esperjenzi tal-komunità.

**Kif beda l-Malti?**

Kif kienu jitkellmu l-bennejja tat-tempji megalitiċi ma nafux, għax ma ħallewx kitba. Fis-sekli ta' taħt il-Feniċi, ir-Rumani u l-Biżantini, il-popolazzjoni lokali setgħet taqleb minn ilsien għal ieħor, imma nafu biss kif kienu jiktbu, mil-lapidi. Il-mitkellem tal-lum beda fi żmien il-kolonja Musulmana (mhux bilfors Għarbija, imma Arabizzata) li niżlet Malta madwar is-sena 1000. Dawn kienu jitkellmu bħan-nies tal-Magreb, ta' Sqallija, ta' Pantellerija, u tal-Andalusija. Mela l-oriġini tal-Malti qiegħda fid-djalett b'bażi Magrebina, varjetà ta' Għarbi adottata mill-Berberi u mill-Isqallin, b'karatteristiċi għaliha. Meta ġew in-Normanni fl-1091 ħallew kollox kif sabuh sa Ruġġieru II (1030), meta tissemma komunità Nisranija li użat il-Grieg jew il-Latin fit-talb u ntrabtet ma' Sqallija li bdiet taqleb għad-djalett Rumanz. Meta Federiku II keċċa lill-Misilmin minn Sqallija u minn Malta fl-1224 u fl-1246, il-Malti mitkellem ma baqax f'kuntatt mal-Għarbi miktub u mitkellem u beda jiżviluppa għal rasu. F'dawk iż-żminijiet il-popolazzjoni lokali kienet taħt l-10,000 ruħ.

Il-Kristjaneżmu nfirex bl-għaġla u l-preżenza ta' patrijiet, amministraturi, nutara u familji fewdali minn Sqallija bdiet iddaħħal iktar kliem Rumanz. Dal-proċess baqa' sejjer sas-seklu 20 bil-wasla ta' nies minn Sqallija, l-Italja, Spanja u Franza, speċjalment mal-wasla tal-Kavallieri. Iżda l-maġġoranza kienet titkellem bil-Malti, u min jiġi minn barra, jekk jaħdem u jiżżewweġ Malta, kien jidħol f'ambjent li fih ikollu bżonn jitkellem bil-Malti. In-Normanni, l-Iżvevi, l-Anġovini, l-Aragoniżi u l-Kavallieri ma ħassewx il-bżonn li jikkmandaw jew iħajru n-nies lokali jaqilbu lsienhom. U hekk il-Malti ma ntilifx kif intilef l-Għarbi fi Sqallija, fi Spanja, u f'Pantellerija.

Il-vokabolarju Malti baqa' jiżdied bi kliem ġdid mill-Isqalli, mit-Taljan, u mill-Ingliż. Dan jagħtina stratigrafija interessanti. Jekk niflu l-etimi tal-kliem li rreġistra Ġużè Aquilina (41,016) fil-*Maltese-English Dictionary* (1987-1990) insibu:

| STRATI | SEKLI | LINGWI | KLIEM (MED) | EŻEMPJI |
|---|---|---|---|---|
| adstrat 2 | 1800 sal-lum | Ingliż | 2,511 6.1% | sandwich, toast |
| adstrat 1 | 1530 sal-lum | Taljan | 21,519 52.5% | panina, ċabatta |
| superstrat | 1091? – 1900? | Sqalli | | bezzun, furnar, tal-kexxun |
| strat prinċipali | 870/1048-1246 | Għarbi | 13,293 31.4% | ħobż, ftira, dqiq, għaġina |
| sostrat | 535-870 | Grieg Biżantin | xejn | |
| | 218 QK - 476 | Latin | xejn | |
| | 650-50 QK | Puniku | xejn | |

L-istrati jikkorrispondu għas-sekli li fihom dam il-kuntatt mal-Isqalli, mat-Taljan u mal-Ingliż, miktuba biss min-nies tal-iskola. Il-persentaġġi juru li l-Malti għandu ħafna iżjed kliem Rumanz (Sqalli u Taljan, 52.5%) milli Semitiku (l-Għarbi, 31.4%), u ftit mill-Ingliż, 6.1%. Jibqa' xi 10% ta' kliem maħluq f'Malta jew li ma nafux mnejn ġej. Fil-verżjoni *Concise* tal-istess MED (2006; 22,649 kelma), li telimina kliem rari jew tekniku żżejjed, ir-Rumanz jitla' għal 61.60% u s-Semitiku jinżel għal 22.42%, u naraw ukoll żieda fil-kliem Ingliż, minn 6.12% għal 8.45%.

**Allura l-Malti lingwa Rumanza?**
Le, għax din it-tabella tagħtina biss il-kwantità. Irridu nqisu wkoll il-frekwenza: il-lessiku Semitiku fih il-kliem grammatikali (l-artikli, il-pronomi, il-prepożizzjonijiet) li jintuża spiss. Fih ukoll l-iperonimi (umbrella terms) li jkopru kategoriji sħaħ, eż.: *ħobż*, *ħut*, *laħam*, *dar*, *knisja*, *ilbies*, eċċ. Il-kelma *ħobż* tintuża ħafna iżjed minn *bezzun*, *panina* jew *sandwich* u l-kliem l-ieħor li fiha l-kategorija tal-ħobż. *Knisja* (mill-Għarbi ta' Sqallija) tingħad spiss fid-diskors ta' kuljum, imma kultant ikollna bżonn insemmu t-tip: *tempju*, *santwarju*, *kappella*, *parroċċa*, *katidral*, *bażilika*, *matriċi*, u l-oġġetti ta' ġo fihom: *artal*, *gandlier*, *statwa*, *inkwatru*, *bukkett*, jew il-partijiet: *sagristija*, *kappellun*, *presbiterju*, *koppla*, *kampnar*, *faċċata*. *Maqdes* hi kelma letterarja, mhix komuni.

Kollox ma' kollox il-kliem meħud minn lingwi oħra li kienu jew għadhom jintużaw f'Malta mhuwiex "indħil" kif kienu jaħsbu l-puristi, imma "żieda siewja" għax jirrifletti l-progress tas-soċjetà. Naraw li l-kliem Semitiku hu bażiku, jiddomina fil-kamp tad-dar u tal-biedja, l-Isqalli nsibuh l-iżjed fis-snajja' (l-oqsma tas-sajjieda, tal-mastrudaxxi, tal-bennejja, tal-baħħara, eċċ.), it-Taljan fl-iskola, fil-liġi, fl-amministrazzjoni, fl-arti u l-kultura, u l-Ingliż illum dieħel f'ħafna kampi oħra, imma jiddomina fix-xogħlijiet li daħlu fi żmien l-Ingliżi: it-tarzna, l-ajruplani, il-karozzi, il-banek, l-informatika, il-moda. F'kull epoka daħlu attivitajiet ġodda, u magħhom kliem ġdid.

**U kif sar lingwa dak id-djalett Għarbi tas-sena elf?**
Ilsienna sar lingwa meta ssawret varjetà sopradjalettali fil-Belt Valletta u t-Tlitt Ibliet, meta beda jinkiteb fil-prietki (I.S. Mifsud), fil-poeżiji, fir-rumanzi u fid-drammi (Dun Karm, Muscat Azzopardi, Ebejer), meta ġie kodifikat (il-grammatika u d-dizzjunarji ta' De Soldanis, Vassalli, Cremona, Serracino-Inglott, Aquilina), meta ġie mgħallem fl-iskejjel (speċjalment mill-1946), meta ntuża min-nutara, fil-Qorti, fil-Parlament u fiċ-Ċivil, sakemm ġie ddikjarat lingwa uffiċjali fl-1934, u rikonoxxut bħala waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-2004.

*Il-Prof. J.M. Brincat kiteb l-istorja lingwistika ta' Malta bil-Malti, bit-Taljan u bl-Ingliż: Il-Malti. Elf sena ta' storja (PIN, 2000, 2005); Malta. Una storia linguistica (Le Mani, Genova, 2004); u Maltese and other languages (Midsea Books, 2010, 2021).*